MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 1880/1999/1

**Michele Peresso Limited**

**vs**

**Robert Arrigo, Olvin Mangion u Robert Dingli fil-kwalita` taghhom ta’ President, Segretarju u Tezorier rispettivament tas-Sliema Wanderers Football Club, ghan-nom u in rapprezentanza u fl-interess ta’ l-istess club**

**Il-Qorti:**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta’ Ottubru, 2001 li permezz taghha

laqghet eccezzjoni preliminari tal-konvenuti fis-sens li l-azzjoni attrici kienet marret dezerta skond l-Artikolu 963 tal-Kap. 12.

L-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha, qalet hekk:
“Id-digriet ta’ dezerzjoni jista’ jinghata fit-termini ta’ l-artikolu 963 tal-Kap. 12 kif emendat, li jitratta dwar “l-eghluq tal-procedura bil-miktub” u ghandu allura jigi bi precizjoni definit f’liema mument ghandu jitqies li l-proceduri bil-miktub quddiem l-ewwel Qorti gew maghluqa.

Dan l-artikolu jiddisponi illi f’kull kawza il-procedura bil-miktub ghandha titqies li tigi maghluqa fil-Qorti ta’ l-ewwel grad fi zmien perentorju ta’ sitt xhur u fil-Qorti fi grad ta’ l-appell fi zmien perentorju ta’ sena - 963(1).

Skond is-subinciz 2 ta’ l-istess artikolu, fil-Qorti ta’ l-ewwel grad li hu l-kaz taht ezami, iz-zmien jibda ghaddej minn dak-in-nhar tal-prezentata tac-citazzjoni.

Id-dekors tat-terminu ghall-fini ta’ dezerzjoni tal-kawzi skond l-Artikolu 963 hu marbut biss mat-terminu stabbilit ghan-nota tal-eccezzjonijiet kif dispost fis-subinciz 12 ta’ l-Artikolu 158. Dan jiddisponi espressament illi mal-prezentata tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet jew malli jaghlaq iz-zmien stabbilit fis-subartikolu (1) ta’ dan l-artikolu (li jistabilixxi terminu ta’ ghoxrin jum mid-data tan-notifika) l-proceduri bil-miktub preliminari ghandhom jitqiesu li huma maghluqa. Dan ghandu jkun il-mument rilevanti ghall-fini ta’ l-Artikolu 963 u mhux il-fatt jekk ikunx gie jew le notifikat il-konvenut jew anke l-attur innifsu bl-avviz ghall-ewwel smiegh. Ghalhekk ic-cirkostanzi li jistghu jwasslu ghad-dezerzjoni skond l-Artikolu 963, bl-ebda mod ma jirreferu ghan-notifika ta’ l-avviz ghas-smigh. Ic-cirkostanzi li jaghtu lok ghad-dezerzjoni taht dan l-artikolu jridu jkunu avveraw ruhhom fil-mument meta l-konvenut ikun bil-ligi obbligat li jipprezenta n-nota ta’ l-eccezzjonijiet (ara sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tas-7 ta’ Lulju, 1998 fl-ismijiet G. Papagiorcopulo vs Jimmy Magro et).

Fil-kaz in ezami s-socjeta' attrici ma kellha ebda kontroll fuq dak li gara sat-3 ta' April, 2000 billi sa dak in-nhar l-atti kienu ghadhom kollha f'idejn l-amministrazzjoni tal-Qorti u l-atturi kienu qed jistennew biex jinhareg l-appuntament. Ghalhekk fuq l-iskorta tas-sentenzi ta' dina l-Qorti (Azzopardi vs Aquilina PA GCD 17.2.99; Grima vs Aquilina PA RCP 17.2.2000 u Borg vs Belizzi PA RCP 1.3.2000) it-terminu ta' sitt xhur kontemplat fl-Artikolu 963 ma kienx ghadu beda jiddekorri qabel it-3 ta' April, 2000.

Izda mhux l-istess jista' jinghad ghal perjodu wara din id-data, cioe' mit-3 ta' April, 2000 sad-data tal-eghluq tal-proceduri bil-miktub cioe' fid-19 ta' Jannar, 2001 meta gew prezentati l-eccezzjonijiet. Fil-fatt f'dan il-perjodu ghaddew is-sitt xhur kontemplati fl-Artikolu 963. L-atturi kienu gew notifikati fit-3 ta' April, 2000. Minn dik d-data sas-seduta tal-24 ta' Mejju, 2000 ma sarx attentat ghan-notifika tal-konvenuti; lanqas ma sar attentat ghas-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2000; u n-notifika saret fid-9 ta' Jannar, 2001. Is-socjeta' attrici kienet infurmata fit-3 ta' April, 2000 bin-nuqqas ta' notifika tal-konvenuti u ma haditx passi immedjati passi ulterjuri biex tinnotifika l-konvenuti hlief ftit qabel id-9 ta' Jannar, 2001. Ghalhekk is-sitt xhur previsti fl-Artikolu 963 kienu ghaddew u l-azzjoni llum hija dezerta.

Kwantu ghas-sottomissjoni ta' l-atturi li fil-kaz in ezami t-terminu ma kienx ghadu ghadda billi japplikaw it-termini taht l-Artikoli 964 u 965 il-Qorti tirrileva li f'dan il-kaz il-kawza qatt ma marret *sine die* u lanqas dehret fil-listi msemmija f'dawk l-artikoli. Ghalhekk dawk it-termini m'humiex applikabbli ghall kaz in ezami.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi."

Il-konvenuti appellaw. Il-qofol ta' l-aggravju ta' l-appellanti hu li l-ewwel Qorti interpretat hazin l-Artikolu 963(5)(a) tal-Kap. 12, u senjatament l-espressjoni "ghandha titqies" fl-imsemmi paragrafu (a). Skond l-appellanti l-ewwel Qorti

injorat ghal kollox l-Artikoli 964 u 965 tal-imsemmi Kap. 12 (kif dawn kienu qabel l-emendi introdotti bl-Att XXXI tal-2002) u t-termini fihom stabbiliti.

Fl-udjenza tat-3 ta’ Mejju, 2004 l-abbili difensur tal-appellati ipprezenta *seduta stante* risposta li permezz taghha l-istess appellati iddikjaraw li huma kienu qed jaqblu mat-talba tas-socjeta` appellanti (kif kontenuta fir-rikors ta’ appell), u dana wara li l-abbili difensur tas-socjeta` appellanti gibed l-attenzjoni ta’ din il-Qorti ghal zewg sentenzi recenti (ta’ din l-istess Qorti, ghalkemm moghtija minn sezzjonijiet differenti) in materja: *Id-Direttur tal-Kuntratti v. Cleanwell Services Ltd* u *Distinct Conversions Limited v. Joseph u Agnes mizzewgin Fasanelli*, it-tnejn moghtija fil-31 ta’ Jannar, 2003.

In vista tad-dikjarazzjoni ta’ l-appellati fir-risposta taghhom, u wara li din il-Qorti regghet ezaminat is-sentenzi imsemmija, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appell tas-socjeta` attrici appellanti ghandu jintlaqa’.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tirrespingi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti nomine (cioe` l-eccezzjoni dwar id-dezerzjoni) u tibghat lura l-atti quddiem l-ewwel Qorti sabiex din tkompli tisma’ l-kawza u tiddecidiha skond il-ligi. Kwantu ghall-ispejjez, kemm ta’ l-ewwel istanza kif ukoll ta’ dana l-appell, dawn ghandhom -- in vista tal-fatt li l-appellati, kif appena gew a konjizzjoni tal-gurisprudenza l-aktar recenti ta’ din il-Qorti in materja, mill-ewwel qablu mat-talba tas-socjeta` appellanti -- jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------